**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can),Ph.D**

**Appell Nru: 388/2024**

**Il-Pulizja**

**Vs**

**Saviour Ellul**

**Illum, 13 ta' Settembru, 2024**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti, **Saviour Ellul detenur** tal-karta tal-identita Maltija **812557M**, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi u jkunu ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda għax-xhur mill-**25 ta' Lulju 2023 sal- l5 ta' Settembru 2023;**

1. Meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt inqast li tagħti lil **martu Caterina Ellul u/jew uliedu s**-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bħala manteniment għalija u ghal jew ulied fi żmien 15-il jum minn dak il-jum li fih skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha titħallas dik is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati ( Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ta' nhar id-29 ta' Jannar, 2024 , fejn wara li rat u kkunsidrat l-Artikolu 7(2), l-Artikolu 12, l-Artikolu 18 u l-Artikolu 338(z) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta **sabet lill-imputat qua appellant ħati tal-imputazzjoni hekk kif dedotta fil-konfront tiegħu u ikkundannatu għal tlett gimghat detenzjoni.**

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Saviour Ellul, preżentat fir-reġistru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar it-8 ta' Frar,2024.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat dak li gie verbalizzat fis-seduta tat-30 ta' Mejju, 2024 fejn Dr Albert Zerafa ghall-appellant iddikjara li kellu fil-pusess tieghu is-somma ta' €3,000 sabiex jagħmel tajjeb ghal manteniment dovut lil mart l-patrocinat tieghu Katerina Ellul.

Rat illi fis-seduta tal-24 ta' Gunju, 2024 il-*parte civile* iddikjarat illi in konnessjoni mal-kawza odjerna l-patrocinata taghha ma irceviet l-ebda hlas u ghalhekk l-appell gie differit sabiex isir il-hlas *in toto* bl-intendiment li wara l-qorti tkun tista tghaddi ghas-sentenza taghha.

Rat illi fis-seduta tal-10 ta' Settembru, 2024 l-appellant stqarr li kien ghadu ma hallasx lill-*parte civile* u dan ghaliex ma kellux mezzi biex jghamel dan u li in effetti kien issellef xi flus sabiex ihallas xi pendenzi li kellu mal-kwerelanti quddiem il-qrati tal-magistrati. Ghalhekk ikkonferma li pendenti dawn il-proceduri ma sar l-ebda hlas f'din il-kawza.

Rat illi nhar it-12 ta' Settembru 2024 l-appellant ipprezenta rikors fejn talab is-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza u dan ghaliex stqar li l-parte civile thalset ghal dak dovut lilha in konnessjoni mal-kawza odjerna tant li anke l-avukat difensur tal-parte civile iffirma ir-rikors ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza.

Rat illi fil-bidu tas-seduta tat-13 ta' Settembru 2024 l-appellant iddikjara fl-atti tal-kawza permezz ta' verbal appositu li l-kwerelanti thalset ghas-saldu tal-pretensjonijiet taghha skond il-kawza odjerna u li l-parte civile qablet ma din id-dikjarazzjoni .

**<u>Ikkunsidrat</u>**

In sintonija mas-sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet **<u>il-Pulizija [Spettur Josric Mifsud vs Francis Saliba</u>**[1] jinghad li hija ħaġa tajba li ntlaħaq arranġament bejn il-partijiet dwar il-kwistjoni ta'manteniment li kien dovut u fiċ-ċirkostanzi kollha ta' dan il-każ kif żviluppaw din il-Qorti tara li piena ta' detenzjoni ma tiswa xejn lil ħadd, la lis-soċjeta' li sentenza restrittiva tal-liberta għaliha dejjem okkażżjoni ta' swied il-qalb, la lill-amministrazzjoni tal-ġustizzja, li ma għandha xejn x'tiggwadanja iżjed darba li l-ordni tal-Qorti ġiet issa esegwita, la jista' jkollha xi effett riformatur in kwantu li s-sitwazzjoni finanzjarja rigward din il-kawza ta' bejn l-appellant u martu Caterina Ellul l- ġiet definittivament riżolta.

Għalhekk, filwaqt din il-Qorti ser tħassar il-piena ta' tlett gimghat detenzjoni imposta mill-ewwel Qorti.

Għall-motivi premessi l-Qorti tilqa' l-appell tal-imputat appellant Saviour Ellul billi tħassar is-sentenza appellata fejn kkundannat lill-istess appellant għal tlett gimghat detenzjoni u minflok tilliberah bil-kundizzjoni li ma jghamilx reat iehor ghall perijodou ta sentejn mill illum ai termini tal-artikolu 22 tal kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Dr Consuelo Scerri Herrera**

**Onorevoli Imhallef**

[1] Deciza fid-19 ta' Lulju 2013 mill-Qprti tal Appelli Kriminali sede Inferjuri